

# Snooker Tournament 2007

Euchar Grech

*Kunsillier u Chairperson*
*Sotto Kumitat Edukazzjoni, Żgħażagħ u Sports*

Nhar il-Ħamis, 12 ta' April 2007, fiċ-Ċentru Laburista tal-Mellieħa, intlagħbet il-Finali ta' l-Għaxar Edizzjoni tas-Snooker Tournament li kien organizzat mis-Sotto Kumitat Edukazzjoni, Żgħażagħ u Sports fi ħdan il-Kunsill Lokali Mellieħa għall-istaġun 2006-2007.

Din il-Finali ġiet kontestata mill-istess finalisti ta' l-istaġun ta' qabel, fejn reġa kien Robert Falzon li ħareġ rebbieħ fuq Christian Buttigieg (it-tnejn reġistrati maċ-Ċentru Laburista) b'5 Frames kontra 4.

Dawn it-tnejn waslu għal din il-Finali wara li fis-Semi Finali xejnu għal kollox l-isfidi rispettivi ta' Darren Borg u Edward Deguara (ukoll reġistrati maċ-Ċentru Laburista) bl-iskor identiku ta' 4-0, bir-rebbieħ ta' l-aqwa break ta' 53 punt għal dan l-istaġun kien tal-finalist tellief, Christian Buttigieg.

Il-premjazzjoni quddiem bosta parteċipanti u mistednin, saret mis-Sindku John Buttigieg, wara li sar rapport dwar l-andament tal-kompetizzjoni minni bħala Kunsillier.

Ta' min igħid ukoll li f'din is-serata saret ukoll il-premjazzjoni tar-rebbieħa tal-Kompetizzjoni '*Super Cup*' miftuħa għall-finalisti ta' dawn l-aħħar 10 snin. Il-Finali tas-*Super Cup* intlagħbet fil-Każin tal-Banda Imperial il-ġurnata ta' qabel din il-Finali fejn kien Christian Buttigieg li renexxielu jegħleb lil Natalino Debono b'5 frames kontra 1. Ir-rebbieħ ta' l-aqwa break ta' 38 punt kien Joe Debono.

Prosit u grazzi lil kulħadd.

Central
SHOE
STORE

68, Borġ Olivier Street
Mellieħa
Tel: 21 523530

GIUSEPPI'S
WINE BAR

26/27, St. Helen Str., Mellie˙a
Tel: 21 574882 / 9949 3579